**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 17 ta` April, 2018.**

**Talba Nru: 508/2017PA**

**FM Core Condominium Administration Limited fil-kwalita` tagħha ta` Amministratriċi tal-Condomium bl-isem Fort Cambridge East 5**

**vs**

**Dalli Charlon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-2 ta` Novembru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li hija amministratriċi tal-kondominju bl-isem Fort Cambridge East 5 u dana skond ma jirriżulta mid-dokument anness (Dok.A, fol.3); li l-konvenut huwa sid l-appartament S2-203 sitwat u formanti parti mill-Blokk magħruf bħala Fort Cambridge Block South 2 li minnaħa tiegħu jifforma parti mill-iżvilupp magħruf bħala 'Fort Cambridge', fi Triq Tigne', Sliema; li huwa debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta` elf, mitejn u tletin Ewro, tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,230.88ċ) rappreżentanti arretrati ta` kontribuzzjonijiet annwali tal-istess kondominju in konnessjoni mal-appartament imsemmi; u li minkejja li kien debitament interpellat sabiex iħallas huwa baqa' inadempjenti. Hija għalhekk talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma msemmija ta` elf, mitejn u tletin Ewro, tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,230.88ċ) bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż tal-kawża.

Ra d-dokumenti anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja fotostatika tal-Avviż tal-ħatra ta` Gillian Mahoney f'isem FM Core Condominium Administration Limited bħala amministratur tal-kondominju in kwistjoni (Dok.A, fol.3) u fattura datata 29 ta` Diċembru 2016 mibgħuta lill-konvenut (Dok.B, fol.4).

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, naqas li jippreżenta Risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta` Gillian Mahoney, li għandha t-tmexxija u r-rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi, u tal-kondominju 'Fort Cambridge – South 2' – u li ddikjarat li l-konvenut naqas li jħallas l-ammont mitlub, anke fil-mori ta` dawn il-proċeduri. Hija kkonfermat li s-soċjeta` attriċi ġeddet sallum ir-reġistrazzjoni tagħha bħala amministratur ta` dan il-kondominju, filwaqt li ma ġietx mgħarrfa li l-konvenut trasferixxa l-appartament tiegħu bin-numru mitejn u tlieta (203).

Ra l-kuntratt tal-akkwist tal-konvenut eżibit mix-xhud Gillian Mahoney.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf, mitejn u tletin Ewro, tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,230.88ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**